**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Anna Micallef**

**Distrett Hamrun**

**Illum 5 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Anna Micallef, ID 445056M.

Billi hi akkuzata talli fis-6 ta' Lulju, 2017 gewwa l-fond 103, St. Mary Flat 6, Triq Hookham Frere, Pieta':

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghlet, bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hattiet bini, jew kissret il-mixi tal-ilma jew hadet l-ilma ghaliha, jew

b'xi mod iehor kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-Art. 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè affidavit ta' PS 267 A. J. Cassar, current incident report datat 6 ta' Gunju, 2017 immarkat bhala Dok RV1, kitba privata mmnarkata bhala Dok RP1, screenshot immarkata bhala Dok RP2, kont tad-dawl u l-ilma mmarkat bhala Dok RP3, skrittura privata mmarkata bhala Dok RP4, messagg immarkat bhala Dok AM1, messagg immarkat bhala Dok AM2, email immarkat bhala Dok AM3, dokument immarkat bhala Dok AM4, ittra mmarkata bhala Dok AM5, email immarkat bhala Dok AM6, ircevuta mmarkata bhala Dok AM7, ircevuta mmarkata bhala Dok AM8, ircevuta mmarkata bhala Dok AM9, email immarkata bhala Dok AM10.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr. Kris Balzan u Raymond Pizzuto.

Semghet lill-imputata Anna Micallef tixhed b'mod volontarju fil-presenza tal-Avukat difensur taghha.

**PS 267 A. J. Cassar,** fl-affidavit tieghu jghid li fis-6 ta' Gunju, 2017 Raymond Pizzuto mar jirraporta gewwa l-Ghassa tal-Mosta minhabba li l-mara tieghu Anna Micallef, u li minnha kien separat izda kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, bidlet is-serraturi tad-dar fejn jghixu, minghajr il-kunsens tieghu. Raymond Pizzuto qal lill-pulizija li l-kuntratt tad-dar hija fuq ismu u avolja pprova jikkomunika ma Anna, din baqghet ma wegibutx. PS 267 bghat il-pulizija tieghu gewwa l-indirizz imsemmi diversi drabi izda hadd qatt ma fetah il-bieb, u ghalhekk thalliet letter to call, izda Anna qatt ma resqet lejn l-Ghassa sabiex taghti l-verzjoni taghha.

**Dr. Kris Balzan,** jghid li l-imputata kienet klijenta tieghu fi proceduri ta' separazzjoni jew divorzju.

**Raymond Pizzuto**, jghid li ghal habta ta' April mar biex jidhol fil-flat tieghu gewwa Gwardamangia u sab li c-cavetta tal-bieb t'isfel ma bediex jidhol fis-serratura. Ghalhekk cempel lil wiehed mill-inkwilini sabiex jiftahlu l-bieb ta' barra u hekk kif

tela' biex jiftah il-bieb tal-flat tieghu, ic-cavetta li kellu regghet ma dahlitx fis-serratura. Sussegwentment, ghamel kuntatt ma Anna Micallef ghal darba, darbtejn, tlieta sabiex din ittih kopja tac-cwievet il-godda, izda baqghet ma wegbitu qatt. Jghid li Anna Micallef qatt ma tatu pre-avviz li kienet se tbiddel is-serraturi. Jispjega li kien ilu xi hames snin ma jghix fil-flat ta' Gwardamangia, u fil-fatt kien jghix gewwa l-Mellieha stante li kien hemm ftehim li jekk Anna Micallef tghix gewwa l-flat ta' Gwardamangia bit-tfal, hu ma jkunx jista' jidhol. Raymond Pizzuto kien anke bghat email lill-Avukat ta' Anna Micallef, Dr. Kris Balzan biex jara jekk Anna Micallef ghandhiex interess izzomm il-flat jew le. Jghid li sahansitra anke kellu xi hwejjeg personali gewwa l-fond. Jikkonferma li huwa haseb li sakemm kienu ghaddejjin il-proceduri ta' divorzju, Anna Micallef kienet qed tghix gewwa l-Italja. Jispjega li Anna Micallef kellha uzu tal-flat u kienet thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, hi.

**Anna Micallef**, tghid li ilha tokkupa l-fond wahedha sa mis-sena 2016 filwaqt li Ray Pizzuto ghex fil-fond sas-sena 2012 u mis-sena 2012 sas-sena 2016 ma kien hemm hadd li kien qed jghix gewwa dan il-fond. Tghid li mindu sseparat u cioe' 2007 hija dejjem halset il-kontijiet wahedha. Tghid li Ray Pizzuto kien bghat email lill-Avukat taghha, Dr. Kris Balzan, fejn informah li jekk Anna Micallef ma ghandhiex interess fil-flat, biex taqbad l-affarijiet taghha u titlaq il'barra, izda hi nfurmatu li ghad ghandha nteress. Tispjega li meta bidlet is-serraturi, hi nfurmat lil Raymond Pizzuto u halliet kopja tac-cavetta mal-Avukat taghha Dr. Kris Balzan.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-partijiet, kemm il-parte civile u l-akkuzata kienu mizzewga u llum separati. Il-kwistjoni kollha ta' bejniethom hija dwar fatt li l-parte civile allega li meta mar biex jidhol fir-residenza gewwa l-Pieta' sab li ma setax jaghmel dan ghaliex kienu inbidlu s-serraturi kemm tal-komun u ta' gewwa.

**Provi**

Illi jibda biex jinghad li skont id-dokument esebiet li jinsab a fol 7 (dok RV1) jaghmel referenza ghall-fatt li l-parte civile kien ghamel rapport nhar is-6 ta' Gunju 2017 rigward dan il-kaz. Illi l-akkuza li nharget hija dwar fatt li sehh fis-6 ta' Lulju 2017 u mhux id-data indikata fir-rapport li sar mal-Pulizija. Illi anki fl-istess affidavit ta' PS 267 A. J. Cassar jaghmel referenza ghal kaz li sehh fis-6 ta' Gunju 2017 u mhux ghad-data indikata fl-akkuza u cioe' dik tas-7 ta' Lulju 2017.

Illi anki mill-istess xhieda tal-parte civile (a fol 12) jghid li l-ewwel darba li prova jidhol kien f'April 2017 (a fol 16). Meta fil-fatt gie mistoqsi in kontro-ezami (a fol 15) jekk pruvax jidhol apparti s-6 ta' Lulju 2017 huwa wiegeb li le. Illi ghalhekk jidher bic-car li sar rapport fis-6 ta' Gunju 2017 u qatt ma kien hemm rapport dwar il-fatt tas-6 ta' Lulju 2017.

Illi l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti, *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."* Illi jirrizulta li bejn id-data tac-citazzjoni 6 ta' Gunju 2017 u d-data tas-6 ta' Lulju 2017 hemm xahar differenza, u li ghalhekk ma tirriflettix id-data jew iz-zmien ezatt li fih sar ir-rapport, oltre dan l-istess Raymond Pizzuto jsemmi li l-ewwel darba li prova jidhol fil-fond kien f'April 2017. Ir-reat tar-*ragion fattasi* huwa reat instantaneju u mhux permanenti ghalhekk id-data tac-citazzjoni indikata trid tirrizulta b'mod car, haga li ma saritx f'dawn il-proceduri u lanqas ma giet issanata xi korrezzjoni mill-prosekuzzjoni bid-data t-tajba.

Illi ghalhekk il-Qorti mhux se toqhgod tidhol ulterjorment fuq il-mertu u fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-akkuza kif dedotta, ma ssibx hatja lil Anna Micallef u ghaldaqstant qieghda tigi liberata minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**